SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 01/KA2/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 01/07/'14** **42**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 01/07/'14** **52**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2014.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-1.30p.m..

1.03 Prezenti: Il-Membri:-
Richard Scicluna
Aldo k/a Albert Bonello Ghio
Micheal La Rosa
Joseph Oliva

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Skużati: Is-Sindku Peter Bonello

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-28 ta' Ġunju 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Ħatra ta’ Chairperson
2. Aċċettazzjoni ta’ Kariga ta’ Chairperson
3. Ħatra ta’ Vici - Chairperson
4. Aċċettazzjoni ta’ Kariga ta’ Viċi-Chairperson

1.2.02 Saret riferenza għall-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Taqsima IV – Nomina ta’ Kandidati, Artiklu 24 (2).

1.2.03 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ma kellux l-elezzjoni minħabba li kellu inqas nomini mill-kwota.

1.2.04 L-aktar persuna anzjana, il-Membru Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

1.2.05 Il-Kumitat mexa fuq is-seba’ skeda ta’ l-Att dwar Kunsilli Lokali għall-ħatra ta’ Chairperson u Viċi-Chairperson

**2. Ħatra ta’ Chairperson**

2.01 Is-Sur Micheal La Rosa ppropona li s-Sur Aldo k/a Albert Bonello Ghio jinħatar bħala Chairperson.

2.02 Is-Sur Joe Oliva ssekondah.

2.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**3. Aċċettazzjoni ta’ Kariga ta’ Chairperson**

3.01 Il-Membru Aldo k/a Albert Bonello Ghio ddikjara li jaċċetta l-kariga ta’ Chairperson.

3.02 Iċ-Ċermen ħa l-presidenza tal-laqgħa. Hu rringrazzja lill-membri preżenti u awgura li bil-koperazzjoni ta’ kulħadd dan il-Kumitat Amministrattiv jaħdem sabiex ikun ta’ suċċess għall-ġid tar-residenti.

3.03 Għal fini tal-Minuti ċ-Ċermen talab li jibda jitniżżel bħala Albert minflokk Aldo k/a Albert.

**4. Ħatra ta’ Vici – Chairperson**

4.01 Iċ-Ċermen ippropona lis-Sur Micheal La Rosa bhala Vici-Chairperson.

4.02 Is-Sur Joe Oliva ssekondah.

4.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

5. **Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi–Chairperson**

5.01 Il-Membru Michael La Rosa ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Chairperson.

5.02 Il-Kumitat ġie nfurmat bil-Memo 15/2014 dwar *Posta Eletronika tal-Membri tal-Kunsill Lokali* (inc. Ref. 3175/14).

5.03 Iċ-Ċermen talab li jsirlu email account tal-gov.

5.04 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħat jibdew isiru fis-2 p.m.

5.05 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li t-terminu tat-tieni Kumitati Amministrattivi huwa bejn l-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2018 (ara inc. 3287/14).

5.06 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 5 t' Awwissu 2014 fis-2.00p.m filwaqt li l-laqgħa ta' Settembru ser issir nhar il-Erbgħa 24 ta' Settembru 2014 fis-2.00p.m.

5.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-2.30 p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**